

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-19 ta' Novembru 2009  
— EREF vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-94/07) <sup>(1)</sup>

*("Rikors għal annullament — Rappreżentazzjoni minn avukat li m'għandhux il-kwalità ta' terzi — Inammissibbiltà manfesta")*

(2010/C 24/91)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: European Renewable Energies Federation ASBL (EREF) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: D. Fouquet, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: N. Khan, aġġent)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 4963 finali, tal-24 ta' Ottubru 2006, dwar il-faċilità ta' kreditu mogħi minn konsorzu ta' banek internazzjonali u s-self bilaterali mogħi fil-kuntest tal-bini minn Framatome ANP ta' impjant nukleari fTeollisuuden Voima Oy.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli

(2) Il-European Renewable Energies Federation ASBL (EREF) għandha tħalli l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

<sup>(1)</sup> ĠU C 117, 29.5.2007.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-19 ta' Novembru 2009  
— EREF vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-40/08) <sup>(1)</sup>

*("Rikors għal annullament — Rappreżentazzjoni minn avukat li m'għandhux il-kwalità ta' terzi — Inammissibbiltà")*

(2010/C 24/92)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: European Renewable Energies Federation ASBL (EREF) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: D. Fouquet, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: N. Khan u B. Martenczuk, aġġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 4323 finali, tal-25 ta' Settembru 2007, dwar il-miżura C 45/2006 implementata minn Franza fil-kuntest tal-kostruzzjoni minn Areva NP ta' impjant nukleari għal Teollisuuden Voima Oy.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

(2) European Renewable Energies Federation ASBL (EREF) għandha tħalli l-ispejjeż tagħha u dawk tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

(3) M'hemmlok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent tar-Repubblika Franċiża, tar-Repubblika tal-Finlandja, ta' Greenpeace France u ta' Greenpeace Nordic.

<sup>(1)</sup> ĠU C 107, 26.4.2008.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-24 ta' Novembru 2009  
— Szomborg vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-228/08) <sup>(1)</sup>

*("Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Nuqqas ta' preżentazzjoni mill-Kummissjoni fit-terminu previst ta' evalwazzjoni xjentifika — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Nuqqas ta' interess individwali — Inammissibbiltà")*

(2010/C 24/93)

Lingwa tal-kawża: Il-Pollakk

**Partijiet**

Rikorrenti: Grzegorz Szomborg (Jastarnia, il-Polonia) (rappreżentant: R. Nowosielski, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: K. Banks u A. Szmytkowska, aġġenti)

**Suġġett**

Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni intiż sabiex jiġi kkontestat li l-Kummissjoni illegalment naqset milli tipprezzena, fit-terminu previst, l-evalwazzjoni xjentifika prevista fl-Artikolu 27 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005 għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1434/98 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 88/98 (ĠU L 175M, p. 337).